MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta ta' l-10 ta' Ottubru, 2012

Avviz Numru. 336/2007

**Bonnici Brothers Limited (C3905)**

**Vs**

**Kunsill Lokali Zabbar**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors in esami li bih is-socjeta' attrici talbet sabiex il-Kunsill Konvenut jghid il-ghaliex m'ghandhix jkun ikkundannat li jhallas lill-istess socjeta' attrici s-somma ta' elfejn, mitejn erbgha u sittin Liri Maltin, tlieta u sittin centezmu (LM2,264.63) rapprezentanti zieda fid-drittijiet pagabbli lill-Gvern ghad-depozitu ta' radam f'sit pubbliku, liema zieda giet introdotta mill-Gvern centrali wara li gie ffirmat il-kuntratt ta' bejn il-Kunsill konvenut u bejn is-socjeta' attrici bl-isem *Tender for Resurfacing of Various Roads in Zabbar* (ZLC 5/2004), u li l-Kunsill Lokali konvenut qieghed jippretendi illi s-socjeta' attrici ghandha tbati din iz-zieda b'mod li tikkaguna telf finanzjarju

konsiderevoli lill-istess socjeta', meta kien il-gvern centrali stess li introduca din iz-zieda;

Bl-ispejjez, inkluz tal-prezenti kif ukoll tal-ittra ufficjali datata 16 t'Awwissu, 2007 kontra l-Kunsill Lokali konvenut u bl-imghaxijiet legali sad-data tal-pagament effettiv. Il-Kunsill Lokali konvenut huwa minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta tal-Kunsill Konvenut (fol 8 ibid) u li biha espona bir-rispett:-

1. Illi preliminarjament, ir-rikors huwa null u bla effett stante li r-rapprezentanza legali u guridika hija vestita fis-Sindku flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv ai termini tal-Artikolu 27 tal-Att dwar il-Kunsill Lokali (Kap 363) u r-rikorrenti kellhom igibu rikors kontra dawn l-ufficjali;

2. Illi preliminarjament u minghajr l-ebda pregudizzju ghas-suespost, ir-rikorrenti ....

3. Illi fil-mertu u minghajr l-ebda pregudizzju ghas-suespost, ir-rikors ghandu jigi michud bl-ispejjez kollha (inkluzi dawk tal-ittra gudizzjarja li ghandha reg. 4864/2007 tal-24 t'Awwissu, 2007) kontra r-rikorrenti u dan stante li skont l-istess kuntratt deskritt fir-rikors, il-prezz tal-appalt li gie miftiehem kien wiehed fiss u l-istes kuntratt bejn l-partijiet ma jippermettix li jsir aggustament, fil-prezz miftiehem bonarjament u ghaldaqstant, l-ammont pretiz mir-rikorrent m'huwiex dovut mill-Kunsill Lokali;

4. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat is-sentenza preliminari moghtija minn din il-Qorti fit-8 t'Ottubru 2008 (fol 16 et seq ibid) u li biha giet <u>michuda</u> l-ewwel (1) eccezzjoni.

Rat is-sentenza l-ohra moghtija mill-istesss Qorti fl-24 ta' Jannar, 2011 (fol 48 et seq ibid) dwar il-kwistjoni jekk dan il-kaz kellhux jigi sottomess ghal <u>arbitragg.</u>

Rat l-atti kollha tal-kawza b'mod specjali dak verbalizzat a fol 57 tal-istess atti waqt is-seduta tat-30 ta' Mejju, 2012 u n-nota tal-osservazzjonijiet tas-socjeta' attrici a fol 109 sa fol 112 ibid.

**Ikkunsidrat**

Illi dan il-kaz ghandu bhala bazi, il-fatti kif ser jinghad:-

a) Wara sejha ghall-offerti mahruga mill-Kunsill konvenut, dik tas-socjeta' attrici kienet giet accettata u dan ghas-servizz ta' "resurfacing" ta' toroq fil-lokalita' involuta (ara fol 24 tal-atti). Dawn ix-xoghlijiet kollha gew kompletati matul l-2005 u approvati mill-istess Kunsill fi Frar 2006 (ara fol 25 ibid). Filfrattemp, kien inhareg l-Avviz Legali kif riportat in sintesi a fol 26 ibid li permezz tieghu dak dovut lill-Agenzija tal-Gvern involuta bhala "fees for the disposal of intert waste originating from the construction industry ..." kellhom jizdiedu, kif kien specifikat u mid-dati imnizzlin. Din fissret zieda fl-istess "charges" waqt li kienu ghaddejjin ix-xoghlijiet li kienu qed jsiru mis-socjeta' attrici fuq inkarigu tal-Kunsill konvenut. Inoltre din iz-zieda ntalbet lill-istess Kunsill, dan irrifjuta li jaghmel il-hlas relattiv. Pero dwar l-istess kwistjoni, a fol 27 ibid tinsab ittra mibghuta mill-"A.D.T." issa "TM", fejn jinghad illi din l-Awtorita' infurmat lill-Kunsill illi saret prattika komuni illi hi, l-Awtorita', thallas ghal "additional dumping charges" wara li jigu sottomessi lilha d-dokumenti rilevanti li juri l-kwantita ta' materjal mormi f' "an officially licensed dumping area".

b) Il-Kunsill konvenut jsostni illi kien minnu li kien hemm zieda f'dak li kellu jithallas lill-Gvern bhala "dumping charges". Izda "Qatt ma rajna....rcevuti ta' dak li ntefaq mis-socjeta' attrici" (ara fol 58 ibid). Inoltre l-istess Kunsill kien inghata parir dwar din il-kwistjoni skont kif hemm indikat a fol 60 ibid cjoe li "Ir-rati u l-prezzijiet kollha mdahhla fl-iskeda tal-kwantitajiet mill-offerent ghandhom jkunu prezzijiet fissi u rati fissi ghat-tul tal-Kuntratt" ossija l-klawsola 17(b) a fol 69 ibid "a tergo" (ara wkoll l-ittra a fol 103 ibid).

**Ikkunsidrat**

Illi ma hemm u ma ghandu jkun hemm ebda dubbju li wara li kien inghata ix-xoghol kif deskritt lis-socjeta' attrici, kien hemm zieda fid-drittijiet li ghandhom jithallsu lill-Gvern ghad-depositu u numru ta' skart ta' kostruzzjoni u l-Kunsill konvenut qed jsostni li din iz-zieda ghandha tigi akkollata lis-socjeta' attrici.

**Ikkunsidrat**

Illi hu ben saput illi bhala regola generali, f'materja bhal dik in esami hi applikabbli r-regola "rebus sic stantibus". Fil-kaz in desamina kien hemm bdil fic-cirkostanzi li kienu jissussistu meta gie ffirmat il-ftehim bejn il-partijiet in rigward liema bdil, is-socjeta' attrici ma kellha ebda kontroll fuqu. Filfatt dan avvera ruhu meta kien l-istess Gvern permezz tal-Agenzija inkarigata f'din il-materja, li zied id-drittijiet dovuti in konnessjoni ma' rimi ta' radam u dan unilateralment.

Dan premess, il-Qorti ma tistax tara kif is-socjeta' attrici ghandha tbati, hi stess, il-konsegwenzi ta' din id-decizjoni, li fuqha kif di gja nghad hi ma kellha ebda kontroll fuqha. Fi ftit kliem, bl-ebda mod ma jista' jigi deciz illi din tal-ahhar ghandha tbati telf finanzjarju minhabba dak li sar minn terza persuna.

**Ikkunsidrat**

Illi fid-dawl ta' dak premess u fuq bazi ta' ekwita, it-talba attrici ghandha tigi akkolta waqt li tigi michuda l-eccezzjoni tal-Kunsill konvenut in rigward il-meritu, waqt li jinghad li l-quantum mitlub ma giex intestat bhala ammont.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tilqa' t-talba attrici u tikkundanna lill-Kunsill konvneut sabiex jahllas lill-istess socjeta' attrici s-somma ta' elfejn mitejn, erbgha u sittin Lira Maltija, tlieta u sittin centezmu (Lm2,264.63) ossija hamest elef, mitejn hamsa u sebghin ewro, sittax-il centezmu (€5,275.16) bl-imghaxijiet legali mis-16 t'Awwissu, 2007 sad-data tal-pagament effettiv kif ukoll l-

ispejjez kollha inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tas-16 t’Awwissu, 2007.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------